MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tat-12 ta' Ottubru, 2018

Rikors Maħluf Numru 668/2018 LM

**Turaya Ben Essa (ID 109777A) f'isimha u bħala tutriċi**
**ta' wliedha minuri Mazid u Bushra aħwa Aziz**
**li għandhom karta tal-identità Maltija (109779A) u (109780A)**

***vs.***

**Samar Esnusi (ID 235718L) u**
**Shiam Aziz (numru tal-karta tal-identità AV3803694)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Maħluf ippreżentat fil-25 ta' Ġunju, 2018 mill-attriċi **Turaya Ben Essa** (numru tal-karta tal-identità 109777A), **f'isimha u bħala tutriċi ta' wliedha minuri Mazid u Bushra aħwa Aziz** li għandhom karta tal-identità Maltija numru 109779A u 109780A rispettivament (minn issa 'l quddiem "l-attriċi"), li ġie maħluf minn Turaya Ben Essa stess, li jgħid kif ġej:

*Illi fl-4 ta' Settembru, 2016 miet Dr. Mokhtar Ihsan Aziz li kien jgħix Sliema, Malta, u kellu karta tal-identità Maltija bin-numru 15185A;*

*Illi huwa kien miżżewweġ darbtejn il-Libja u l-ewwel żwieġ kien mal-intimata Samar Esnusi u minn dan iż-żwieġ kellu lit-tifla l-intimata Shiam Aziz u fit-tieni żwieġ iżżewweġ lill-esponenti u minn dan it-tieni żwieġ kellu żewġt itfal li llum għadhom minuri li jisimhom Mazid Aziz u Bushra Aziz;*

*Illi l-imsemmi Dr. Mokhtar Aziz għamel testment f'Malta fl-atti tan-Nutar Patrick Critien tat-12 ta' Novembru, 2015 fejn fl-Artikoli 2 u 3 ħalla proprjetà mobiljari u immobiljari lill-partijiet però ma għamel l-ebda istituzzjoni ta' eredi;*

*Illi permezz ta' digriet tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni Ġurisdizzjoni Volontarja) digriet numru 676/17, il-Qorti kkonfermat illi s-suċċessjoni ta' Mokhtar Ihsan Aziz tkun miftuħa favur iż-żewġ nisa tiegħu ċioè r-rikorrenti Turaya Ben Essa u l-intimata Samar Esnusi f'sehem ta' nofs indiviż bejniethom u kwantu għar-rimanenti nofs indiviż favur it-tliet uliedu ċioè l-intimata Shiam Aziz u r-rikorrenti Mazid Aziz u Bushra Aziz f'sehem indaqs bejniethom;*

*Illi għad ma saritx l-immissjoni fil-pussess tal-legati imsemmija fit-testment imsemmi ta' Dr. Mokhtar Aziz.*

*Għaldaqstant l-esponenti titlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:*

i. *Tordna li jgħaddi l-pussess lil-legatarji tal-mobbli u immobbli skont kif stipulat fit-testment ta' Dr. Mokhtar Ihsan Aziz u jekk hemm bżonn, fil-każ tal-immobbli, li jsir il-kuntratt ta' immissjoni fil-pussess;*

ii. *Taħtar Nutar biex jippubblika l-kuntratt opportun, possibilment li jkun in-Nutar Patrick Critien, u tiffissa l-ġurnata, ħin u lok għall-istess u taħtar kuratur sabiex jirrappreżenta l-eventwali kontumaċi fuq il-kuntratt liema kuratur ikun ukoll awtorizzat li jagħmel dak kollu li hemm bżonn isir sabiex jgħaddi l-pussess lill-legatarji skont kif ordnat fl-istess testment tal-beni mobiljari, karozza u depożiti finanzjarji f'banek u istituzzjonijiet finanzjarji.*

*Bl-ispejjeż kontra l-intimati li minn issa huma inġunti għas-subizzjoni.*

Rat in-Nota tal-konvenuti **Samar Esnousi et** (minn issa 'l quddiem "il-konvenuti"), li ġiet ippreżentata fl-10 ta' Lulju, 2018 mill-P.L. Gerald Bonello, fejn ġie dikjarat is-segwenti:

*1. Jagħtu ruħhom b'notifikati bl-atti tal-kawża u l-avviż tas-smigħ;*

*2. Jiddikjaraw illi m'humiex qegħdin jikkontestaw it-talbiet tar-rikorrenti u għall-fini tat-tieni talba jissuġġerixxu illi l-kuratur maħtur kemm fuq l-eventwali kontumaċi fuq il-kuntratt kif ukoll biex jgħaddi l-pussess lil-legatarji skont kif ordnat fit-testment ta' Mokhtar Ishan Aziz tal-beni immobiljari, karozza u depożiti finanzjarji f'banek u istituzzjonijiet finanzjarji jkun l-Avukat Dr Peter Borg Costanzi.*

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti, senjatament il-kopja taċ-ċertifikat tal-mewt ta' Mokhtar Ihsan Aziz[1], kopja tar-riċerki testamentarji li saru fuq isem Mokhtar Ihsan Aziz[2], kopja tat-testment tiegħu tat-12 ta' Novembru, 2015 fl-atti tan-nutar Patrick Critien, kif ukoll kopja tad-digriet numru 676/2017[3] li permezz tiegħu l-Qorti Ċivili (Sezzjoni Ġurisdizzjoni Volontarja) ddikjarat miftuħa s-suċċessjoni tad-defunt Mokhtar Ihsan Aziz, favur Samar Esnusi u Turaya Ben Issa għas-sehem ta' nofs (1/2) indiviż bejniethom, u favur Shiam Aziz, Mazid Aziz u Bushra Aziz, aħwa Aziz, għas-sehem ta' nofs (1/2) indiviż bejniethom.

Rat l-*affidavit* ta' **Turaya Milad Ben Essa** (numru tal-karta tal-identità 109777A)[4], li qalet li hija tabiba, u li kienet iżżewġet lid-defunt Mokhtar Ihsan Aziz fil-Libja f'Marzu tal-2003 bir-rit Musulman. Hi qalet ukoll li qabel dan iż-żwieġ tiegħu, id-defunt kien miżżewweġ lil Samar Esnousi, li minnha kellu tifla, Shiam Aziz.

[1] *A fol.* 4 tal-proċess.
[2] *A fol.* 5 u 6 tal-proċess.
[3] *A fol.* 11 tal-proċess.
[4] *A fol.* 20 tal-proċess.

L-attriċi kompliet tispjega kif il-ħajja tal-partijiet kienet tinvolvi ivvjaġġar kontinwu bejn Malta u l-Libja, u li minn dan iż-żwieġ huma kellhom żewġ ulied, lil Mazid u lil Bushra, li t-tnejn twieldu l-Libja. L-attriċi qalet li ftit wara ż-żwieġ tagħhom, żewġha kien xtara l-appartament numru 2, Milner Grove, Tas-Sliema, li saret ir-residenza ordinarja tagħhom. Xi żmien wara, Mokhtar Aziz kien biegħ il-proprjetà kollha li kellu fil-Libja minħabba fis-sitwazzjoni prevalenti f'dak il-pajjiż, u kien iddeċieda li jixtri proprjetà ġewwa Pender Gardens. F'dak iż-żmien il-familja kollha kienet applikat biex tingħata ċittadinanza Maltija. L-attriċi kompliet tispjega kif bejn l-2011 u Settembru 2016 hi żaret il-Libja darba biss, meta mietet oħt żewġha. L-attriċi rreferiet għat-testment imħolli minn żewġha, fejn tħalla prelegat lilha u liż-żewġ uliedha Mazid u Bushra Mokhtar Ihsan (drabi oħra Aziz) tal-appartament numru tnejn, 'Lavender Block', Milner Grove Residential Complex, Triq Għar id-Dud, Sliema, flimkien ma-*garage space* u l-vettura tat-tip Audi Q5, u legat favur l-attriċi, Turaya Ben Essa, favur uliedha Mazid u Bushra Mokhtar Ihsan, u favur il-konvenuti Samar Esnusi u Shiam Aziz, f'ishma indaqs bejniethom, tal-appartament numru 1654, ġewwa Pender Gardens Residential Complex, San Ġiljan, flimkien mal-*parking spaces* numru A231 u A 232, kif ukoll tad-depożiti f'banek u f'istituzzjonijiet finanzjarji f'Malta.

Ikkunsidrat li qabel l-ewwel dehra intlaħaq qbil bejn il-partijiet kemm dwar it-talbiet attriċi kif ukoll dwar il-ħatra tan-nutar li għandu jippubblika l-atti relattivi u dwar il-ħatra tal-avukat Peter Borg Costanzi sabiex jidher għall-eventwali kontumaċi fuq l-istess kuntratt.

Rat il-verbal tal-udjenza tad-19 ta' Settembru, 2018, fejn l-atturi ddikjaraw li qegħdin jaqblu man-nota ppreżentata mill-konvenuti fl-10 ta' Lulju, 2018 u fejn il-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.

**Konsiderazzjonijiet legali**

Ikkunsidrat illi sabiex issir l-immissjoni fil-pussess tal-proprjetajiet imħollija mid-defunt Mokhtar Ihsan Aziz b'titolu ta' legat jew ta' prelegat, iridu jidhru l-persuni li ġie stabbilit li huma l-eredi tiegħu fuq l-atti relattivi, u dan skont id-digriet mogħti mill-Qorti (Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja). Din il-materja hi regolata bl-artikolu 726 tal-Kodiċi Ċivili,

> "Il-legatarju għandu jitlob lill-werriet il-pussess tal-ħaġa imħollija legat".

Dwar l-istitut tal-legati u l-ħtieġa tal-immissjoni fil-pussess, il-Qrati tagħna għamlu diversi pronunzjamenti, fosthom fis-sentenza fl-ismijiet **Vella et *vs.* Vella**[5]:

> "Il-proprjetà libera tal-legat tappartjeni lil-legatarju sa mill-ġurnata tal-mewt tat-testatur, tant illi l-istess legatarju huwa paragunat bħala 'kreditur' tal-wirt. Bħala 'kreditur', l-oġġett ma jkunx f'idejh qabel ma jingħata pussess tal-oġġett tal-kreditu."

Fis-sentenza tagħha l-Qorti għamlet riferiment għal dak li jgħid il-ġurista **Laurent** fid-**Diritto Civile** (Vol. XIV para. 21 *et seq.*), u rrimarkat,

[5] P.A., 06.10.2011.

> "Sakemm ma jottjenix mingħand l-eredi (jew l-eżekutur testamentarju) ir-rilaxx tal-oġġett tal-legat, il-legatarju ma jistax jieħu pussess ta' dak il-legat. Qabel ma jottjeni dan ir-rilaxx, il-legatarju jkun proprjetarju iżda d-dritt tiegħu ta' proprjetà jkun dritt astratt, fis-sens li ma jkollux il-jedd li jeżerċitah. Id-dritt tal-legat hu dritt ta' proprjetà iżda jibqa' dritt inċert u suġġett għall-kontestazzjoni sakemm ma jiġix immiss fil-pussess."

Dwar it-tħollija ta' prelegati bħal fil-każ odjern, din il-Qorti diversament presjeduta qalet hekk fis-sentenza fl-ismijiet **Alden Rose pro et noe *vs.* Pace Raphael**[6]:

> "Meta jkun aktar minn eredi wieħed, id-decujus jista' jħalli lil wieħed oġġett speċjali, bi preferenza fuq l-oħrajn u dan jissejjaħ prelegat b'mod illi l-eredi preferit b'dan it-titolu bħala legatarju jakkwista dak biss li l-ko-eredi għandhom jagħtuh u bħala eredi jakkwista dak li kien dovut lilu stess."

Ġie stabbilit illi l-eredi tad-defunt Mokhtar Ihsan Aziz huma ż-żewġ nisa tiegħu, Samar Esnusi u Turaya Ben Issa, fis-sehem ta' nofs indiviż (1/2) bejniethom, u wliedu, Shiam Aziz, Mazid Aziz u Bushra Aziz, għas-sehem ta' nofs indiviż (1/2) bejniethom.

Permezz tal-Artikolu 2 tat-testment tat-12 ta' Novembru, 2015, fl-atti tan-nutar Patrick Critien, id-defunt Mokhtar Ihsan Aziz ħalla b'titolu ta' prelegat favur l-attriċi Turaya Ben Essa, u favur iż-żewġ uliedu mit-tieni żwieġ, Mazid Aziz u Bushra Aziz, ugwalment bejniethom, il-proprjetà indikata bħala l-appartament numru tnejn (2), 'Lavender Block', Milner Grove Residential Complex, Triq Għar id-Dud, Sliema flimkien mal-*garage space* fl-istess kumplex, u l-karozza tal-għamla Audi Q5, jew kwalunkwe karozza oħra li d-defunt seta' kellu.

[6] P.A., 27.06.2003.

Permezz tal-Artikolu 3 tal-istess testment, id-defunt ħalla legat lil Turaya Ben Essa, lil uliedu Mazid u Bushra Mokhtar Ihsan (drabi oħra Aziz), u lill-ewwel mara tiegħu, Samar Esnusi u lil bintu mill-ewwel żwieġ, Shiam Aziz, ugwalment bejniethom, il-proprjetà konsistenti fl-appartament numru 1654 u ż-żewġ *parking spaces* A 231 u A 232 formanti parti minn Pender Gardens Residential Complex ġewwa San Ġiljan, flimkien mal-għamara ta' ġo fih, kif ukoll legat f'ishma ugwali favur dawn il-ħames persuni msemmija tad-depożiti finanzjarji fil-banek u fl-istituzzjonijiet finanzjarji kollha f'Malta.

Il-Qorti kkunsidrat ukoll li l-partijiet qegħdin jaqblu li ssir il-pubblikazzjoni tal-att relattiv sabiex kull waħda mill-partijiet tieħu s-sehem imħolli lilha fid-dispożizzjonijiet testamentarji li ħalla t-testatur Mokhtar Aziz.

<u>Decide</u>

**Għaldaqstant din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:**

1. **Tilqa' t-talbiet tal-atturi;**

2. **Taħtar lin-nutar Patrick Critien sabiex jippubblika l-kuntratt relattiv f'data u post li jiġu kkomunikati lill-partijiet mill-istess nutar, liema data ma tkunx aktar tard minn xahar mil-lum;**

3. **Taħtar ukoll lill-avukat Dr Peter Borg Costanzi bħala kuratur sabiex jidher għall-eventwali kontumaċi fuq l-imsemmi kuntratt. Il-kuratur nominad Dr Peter Borg Costanzi qed jiġi awtorizzat ukoll sabiex**

**jgħaddi l-pussess lill-legatarji tal-beni immobiljari, karozza u depożiti finanzjarji f'banek u istituzzjonijiet finanzjarji kif stipulat fit-testment tad-defunt Dr Mokhtar Ihsan Aziz fl-atti tan-Nutar Patrick Critien tat-12 ta' Novembru, 2015.**

**L-ispejjeż tal-kawża u tal-kuratur nominand ikunu a karigu tal-partijiet, nofshom għall-atturi u nofshom għall-konvenuti, filwaqt li anki l-ispejjeż marbuta mal-pubblikazzjoni tal-att relattiv jkunu ukoll a karigu tal-partijiet, nofshom għall-atturi u nofshom għall-konvenuti.**

Moqrija.